Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,690, 16 ta' Diċembru, 1986

Taqsima B

A.L. 69 ta' l-1986

ATT TA' L-1948 DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME'
(ATT NRU. LIV TA' L-1948)

Regoli ta' l-1986 dwar it-Tqassim ta' Dividendi lil Azzjonisti għal skopijiet tat-Taxxa fuq l-'Income'

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 79 ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1986 dwar it-Tqassim ta' Dividendi lil Azzjonisti għal skopijiet tat-Taxxa fuq l-*Income,* u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1987.

Prospett preskritt.

2. Il-prospett li għandu jsir minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 46 ta' l-Att, dwar dividendi mqassmin minn kumpannija residenti f'Malta għandu jkun skond il-Formula I.T. 109A li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

SKEDA

"ISEM TAL-KUMPANNIJA ..... NRU. TAR-REĠISTRAZZJONI.....

INDIRIZZ TA' L-UFFIĊĊJU REĠISTRAT .....

ATT TA' L-1948 DWAR IT-TAXXA FUQ L-"INCOME"

PROSPETT GĦALL-FINIJIET TA' L-ARTIKOLU 46(1) TA' L-ATT

Tqassim lill-Azzjonisti

1. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, inti mitlub biex tagħtini fuq din il-formula dikjarazzjoni vera u korretta dwar id-dividendi mqassmin mill-kumpannija matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, ... Din il-formola għandha timtela u tintbagħat lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fi żmien sitt xhur minn meta jkun tħallas xi dividend.
2. Dan il-prospett ma jgħoddx għal kumpanniji li ma humiex residenti f'Malta.
3. Ebda taqsima ta' dan il-prospett ma għandha titħalla vojta.
4. Dan il-prospett jgħaddi b'xejn mill-posta ta' Malta jekk jingħalaq f'invilopp markat "TAXXA FUQ L-INCOME".

firma .....
Kummissarju tat-Taxxi Interni,
Beltissebħ – Malta.

Numru tar-Reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income*	Ismijiet u Indirizzi ta' l-azzjonisti	Ammont ta' azzjonijiet miżmuma	Dividend Gross	Rata ta' taxxa	Taxxa miżmuma	Dividend Nett	Rimarki

TQASSIM LILL-AZZJONISTI

ISEM TAL-KUMPANNIJA ..... NRU. TAR-REĠISTRAZZJONI.....

INDIRIZZ TAL-UFFIĊĊJU REĠISTRAT .....

Dividendi (Interim u Finali)

	Interim	Finali
Data meta ġie dikjarat id-dividend		
Mill-profitti ta' liema sena		
Dividend Gross f'Malta Lm		
Taxxa mnaqqsa bir-rata ta' ..... fi Lm		
Dividend nett		
Data meta tħallas		

Azzjonijiet 'Bonus' u Tqassim Ieħor

Data meta nħareġ dan it-tqassim	
Mill-profitti ta' liema sena	
Tqassim nett totali	Lm
Żid it-taxxa tal-kumpannija applikabbli għall-ħruġ jew tqassim..... kull Lm	Lm
Ammont gross totali ta' ħruġ jew tqassim	Lm

Inħareġ lil kull azzjonist għar-rigward tat-tqassim imsemmi ċ-ċertifikat (Ordni ta' Dividend) imsemmi fl-artikolu 26(5) ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income?* Iva/Le.

FORM I.T. 109A

REĠISTRAZZJONI TA' PROFITTI MIŻMUMA U TQASSIM

	b.f.	Sena ta' stima				Total c.f.
Dħul taxxabbli bit-taxxa mnaqqsa *						
Profitt tal-kumpannija wara li tinqata' t-taxxa						
Dividendi netti mqassmin fis-sena ta' stima						
S/S						
Tqassim totali						
Bilanċ li jibqa' sabiex jitqassam:						
Fuq profitti skond it-taxxa						
Fuq profitti skond il-kontijiet						

* **Nota**
Jirrappreżenta l-profitt miftihem u li dwaru tkun saret stima jew il-profitt skond il-kalkulazzjoni tat-taxxa magħmula mill-kumpannija.

DIKJARAZZJONI

Niddikjara li d-dettalji mogħtijin f'din il-formola huma korretti.

Firma ta' min jagħmel il-prospett: .....

Kariga: .....

Data: .....

"